

Apprezzament

# MONS. ISQOF NIKOL ĠUŻEPPI CAUCHI

## Is-Seba' Isqof tad-Djoċesi t'Għawdex

Mons. Isqof Nikol Cauchi twieled fit-2 ta' Marzu 1929, ġewwa r-raħal tal-Għarb, bin Ġużepp u Ġużeppa née Portelli. Hu kien l-ikbar fost il-ħames ħutu. Sa minn età żgħira, Nikol dejjem wera x-xewqa li jsir saċerdot, forsi anke minħabba l-fatt li missieru kien sagristan fil-knisja Parrokkjali u għaldaqstant kien jgħaddi ħafna ħin miegħu fil-knisja biex jgħinu fil-ħtiġijiet ta' kuljum. Biex ikompli jistudja din is-sejħa għall-qadi fil-Ministeru Saċerdotali huwa kompla fl-istudji tiegħu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù fir-Rabat Għawdex u ġie ordnat saċerdot nhar id-29 ta' Marzu 1952.

Bejn l-1952 u l-1956 mar ikompli jistudja fl-Università Gregorjana Pontifiċji f'Ruma fejn iggradwa bħala Duttur fil-Filosofija u kiseb Liċenzjat fix-Xjenzi Soċjali. Mons. Cauchi għamel xogħol Pastorali ukoll fil-Parroċċa ta' Ladispoli ġewwa Ruma. Lura f'Għawdex fl-istess Seminarju kien appuntat lecturer tal-Filosofija u s-soċjoloġija u għalliem ukoll tal-lingwa Taljana. Serva wkoll bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana bejn l-1956 u l-1963. Kien fundatur u l-ewwel President tal-Moviment Azzjoni Soċjali Għawdex fl-1958. Ikkopera wkoll bħala semi-awtonimu fit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fl-1961.

Nhar id-9 t'April 1967 Dun Nikol ġie maħtur Isqof Awżiljarju ta' Għawdex biex jassisti lill-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Pace fil-ħtiġijiet tad-Djoċesi. Mons. Nikol irċieva l-ordinazzjoni Episkopali tiegħu fil-Knisja Katidrali tal-Assunta minn idejn l-E.T. Mons. Martin J. O'Connor, Isqof ta' Laodicea, u n-Nunzju Appostoliku għal Malta. Preżenti għal din iċ-ċerimonja, kien hemm ukoll l-E.T. Mons. Salvatore Nicolosi, Isqof ta' Liparsi u l-E.T. u Mons. Francesco Ricceri, Isqof ta' Trapani.

Bħala Amministratur Apostoliku u Isqof ta' Għawdex, Mons. Cauchi kien protagonist ewlieni f'diversi ġrajjiet kbar li sawwru l-istorja ta' diversi parroċċi f'Għawdex. Ta' min isemmi li nhar l-24 ta Mejju 1968 kien ħabbar lill-istess kapitlu tal-Parroċċa tal-Għarb li ġie kunġunt mal-Knisja Bażilika Ta' Pinu u bid-dritt li juża l-privileġġi u d-dinjità ta' Bażilika Minuri. Dan seħħ b'digriet maħruġ mill-kongregazzjoni tal-Konċilju nhar it-28 ta' Novembru 1967.

Nhar l-20 ta' Lulju 1972, Mons. Isqof Nikol Cauchi ġie maħtur Isqof ta' Għawdex. Hu għamel id-dħul solenni tiegħu fil-Katidral u ħa l-pussess nhar l-10 ta' Settembru 1972. Hu għamel quddiesa ta' radd il-ħajr bħala ragħaj spiritwali fir-raħal tagħna tal-Għarb nhar is-17 ta' Settembru 1972.

Avveniment ieħor storiku marbut mar-raħal tal-Għarb, kien fl-okkażjoni tal-għeluq it-300 sena bħala parroċċa. Fil-25 ta' Lulju 1979 ix-xbieha tal-Madonna tal-Viżitazzjoni fil-kwadru titulari ġiet nkurunata fil-Pjazza tas-Santwarju Ta' Pinu minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

Cauchi spiċċa minn Isqof ta' Għawdex f'Novembru 2005 wara li kien ilu 33 sena f'din il-kariga. Nhar il-Ħadd 15 ta' Jannar 2006 Mons. Nikol Cauchi iċċelebra Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' radd il-ħajr. Ġimgħa wara dan l-avveniment, nhar il-Ħadd 22 ta' Jannar 2006, Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa l-ordinazzjoni Episkopali tas-suċċessur tiegħu Mons. Mario Grech.

Fl-okkażjoni ta' għeluq it-80 sena tiegħu, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech waqqaf Fondazzjoni li ġġib l-ismu. It-twaqqif tal-Fondazzjoni kienet tħabbret waqt Pontifikal li sar fil-Katidral ta' Għawdex. L-isqof kien qal li d-Djoċesi Għawdxija waqqfet din il-Fondazzjoni biex iżżomm ħajja t-tifkira tal-Isqof Cauchi u bħala turija ta' gratitudni, rispett u mħabba lejn l-istess Isqof.

L-Isqof Cauchi ddaħħal l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex lejn l-aħħar t'Ottubru 2010 fejn għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar il-15 ta' Novembru 2010 fl-Isptar Mater Dei. L-għada tal-mewt tiegħu huwa nġab fil-knisja ta' raħal twelidu l-Għarb għal qima tal-parruċċani. Wara ġie meħud il-Kurja ta' Għawdex fejn il-poplu Għawdxi seta' jagħtih l-aħħar tislima. Fis-17 ta' Novembru 2010 sar il-funeral b'korteo mill-kurja għall-knisja Katidrali fejn il-poplu Għawdxi attenda bi ħġaru.

Għalkemm l-Isqof Cauchi m'għadux magħna, hu jibqa' dejjem ħaj f'qalbna permezz ta' ħidmietu u tal-kitbiet tiegħu. Il-memorja tiegħu tibqa' dejjem minquxa f'qalbna.

*Miġbura minn* **Michael Bajada**